MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2012

Citazzjoni Numru. 324/2009

**AB**

**vs**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi l-kontendenti zzewgu f'Marsacala fil-11 ta' Lulju 1981, kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg Dokument A;
2. Illi l-kontendenti ghandhom tifla minorrenni bl-isem ta' O B li giet addotata minnhom Dokument B;
3. Illi z-zwieg bejn il-kontendenti thassar irrevokabilment u l-hajja matrimonjali saret ghal kollox impossibli minhabba adultejru, sevizzi gravi, ingurji, thedid

da parti tal-intimat, kif ukoll minhabba inkompatibilita tal-karattru kif sejjer jigi provat fit-trattazzjoni tal-kawza;
4. Illi l-attrici ottjeniet awtorizzazzjoni tinizzja dawn il-proceduri permezz ta' digriet ta' din il-Qorti hawn anness u markat Dokument C;

Talbet ghar-ragunijiet fuq imsemmija li l-konvenut ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tordna u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti;
2. Tiddikjara li l-intimat huwa solament responsabbli ghat-tkissir taz-zwieg;
3. taffida l-kura u l-kustodja tal-minuri O B f'idejn ir-rikorrent salv dawk il-provvedimenti xierqa u opportuni fl-ahjar interess tal-istess minorenni;
4. tikkundanna lill-intimat jissoministra retta alimentari ghar-rikorrenti u ghal minuri O B;
5. tapplika kontra l-intimat is-sanzjonijiet kontemplati fl-artikoli 48, 50 u 51 tal-Kodici Civili;
6. Tordna ix-xoljiment tal-kommunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti bl-esklussjoni tad-dar konjugali "St Anne" Triq Wied il-Ghajn, Zabbar li ghandha tibqa in kommunjoni bejn il-partijiet sabiex ir-rikorrenti u binthom jibqghu jghixu fiha;
7. Tordna lir-rikorrenti u bintha minuri ghandhom jibqghu joqghodu fid-dar konjugali "St Anne", Triq Wied il-Ghajn, Zabbar u tordna ukoll li l-intimat stanti l-imgieba hazina tieghu ghandu jigi eskluz milli ikompli joqghod fl-imsemmi post u ghandu jigi zgumbrat mill-istess fond;

Bl-ispejjez kontra l-intimat li huwa ingunt ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut, li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

1. Illi dwar l-ewwel zewg talbiet attrici, il-konvenut jirrileva li hu jaqbel li issehh il-firda ta' bejniethom izda dan certament mhux ghal ragunijiet imputabbli lilu;

2. Illi dwar it-tielet talba attrici, il-konvenut jaqbel li l-kura u l-kustodja pjena tal-minuri ghandha tkun affidata pjentament lill-attrici, izda dan b'access ampju ghalih u b'mod li hu jsegwi l-izvilupp shih tal-minuri u dana fl-aqwa interess tal-istess minuri;
3. Illi dwar ir-raba talba attrici l-konvenut ma jaqbilx li hu jforni manteniment ghal martu l-attrici, izda jaqbel li hu jforni manteniment ghall-minuri bintu sa meta din taghlaq l-eta' maggorenni u dana sakemm il-manteniment ikun tali li jirrifletti l-introjtu tal-konvenut;
4. Illi dwar il-hames talba, il-konvenut qed jopponi tali talba bil-qawwa kollha tieghu u dana ghaliex m'hemmx ir-ragunijiet skont il-ligi ghalfejn dawn id-disposizzjonijiet tal-ligi ghandhom japplikaw fil-konfront tieghu;
5. Illi dwar is-sitta u s-seba' talba attrici, l-esponent jaqbel li jkun hemm ix-xoljiment u l-likwidazzjoni shiha tal-kommunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-kontendenti u dana minghajr ebda dritt ta' uzu u abitazzjoni a favur martu jew minghajr l-esklusjoni tieghu mill-fond konjugali hekk kif qed titlob l-attrici f'din il-kawza;
6. Salv linji difensjonali ulterjuri kif permessi mill-ligi;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Semghet lix-xhieda li gew prodotti;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha kawza ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet bl-applikazzjoni tal-Artikoli 48 et seq, ix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet, talba specifika sabiex id-dar matrimonjali tibqa' in kommunjoni bejn il-partijiet, sabiex ir-rikorrenti u binthom jibqghu jghixu fiha b'mod esklussiv ad eskluzjoni tal-intimat li ghandu jigi zgumbrat mill-istess dar, kif ukoll

talba ghall-kura u l-kustodja tal-istess imsemmija minuri u u talba ghall-manteniment kemm ghar-rikorrenti omm kif ukoll ghall-istess minuri.

**<u>VERZJONI RIKORRENTI</u>**

Ir-rikorrenti tiddikjara li hi u l-intimat izzewgu nhar il-11 ta' Lulju 1981. Tghid li r-responsabbilita' ghat-tifrik taz-zwieg hija unikament imputabbli lill-intimat minhabba r-relazzjoni extra-matrimonjali li huwa qabad ma' mara ohra. Ir-rikorrenti tkompli tghid li l-intimat inbidel hekk kif bdiet din ir-relazzjoni extra-matrimonjali, tant li beda jittrattaha hazin, jahqarha u jsawwatha tant li prezentat certifikat mediku datat il-5 ta' Novembru 2009[1] u mahrug minn Dr. David J. Sammut. Hi tghid ukoll li l-intimat beda johrog wahdu minghajr ma jghidilha fejn sejjer. Ir-rikorrenti tiddikjara wkoll li n-numru tat-*mobile* 99990173 u 79776260 huma numri tat-*telefon* tal-habiba tal-intimat u ghalhekk, permezz tad-dokumenti li huma esebiti in atti flimkien mar-rikors promotur, tikkontendi li l-intimat ghandu relazzjoni ma' din  il-mara. L-istess rikorrenti tesebixxi wkoll ittra anonima li hija rceviet[2] u li fih kien hemm miktub il-kliem 'call me 77114762'. Ir-rikorrenti permezz tal-affidavit taghha tghid ukoll li l-intimat qal lil binthom O li ghandu relazzjoni ma' mara ohra u li s-sitwazzjoni fid-dar saret impossibbli meta l-istess bint kixfet dak li qallha missierha ma' ommha. Din il-verzjoni hija kkorraborata mix-xhieda tal-bint stess O B fejn tispjega li l-intimat biddel l-attitudni lejhom hekk kif bdiet din ir-relazzjoni, tant li ggravat b'tali mod li l-istess intimat irrifjuta li jhallas ghall-ispejjez tal-edukazzjoni tal-istess bintu ta' xi ktieb li kien tassew importanti. Il-genituri tar-rikorrenti kif ukoll ohtha Jane B lkoll jghidu wkoll li l-intimat kien igib ruhu sew kemm ma' binthom kif ukoll maghhom, izda donnu li kollox inbidel f'sena partikolari, u cioe' s-sena li fiha l-intimat beda r-relazzjoni extra-matrimonjali tieghu mal-imsemmija L. Catherine Xuereb tikkonferma wkoll li l-intimat kien stqarr maghha li kien intilef wara din l-imsemmija L K[3]

---

[1] Esebit a fol 43 tal-process
[2] Ara a fol 113 tal-process
[3] Ara a fol 117 tal-process

## VERZJONI INTIMAT

L-intimat min-naha tieghu jikkontendi li z-zwieg taghhom tfarrak minhabba nuqqas ta’ kompatibilita’ ta’ karattru u dwar fissazzjoni li zviluppat l-attrici li hu kien qed jikkommetti adulterju. Hu jghid li ghal kwazi tletin sena, z-zwieg tieghu mar-rikorrenti kien wiehed hieni, sakemm imbaghad lejn l-ahhar sentejn, ir-rikorrenti bidlet l-attitudni taghha lejh u bdiet takkuzah li kien qieghed ikollu relazzjoni extra-matrimonjali ma’ L K. L-intimat jichad din l-akkuza u jghid biss li bejniethom hemm biss relazzjoni ta’ kollegi, izda martu ma riditx tifhem din is-sitwazzjoni. L-intimat jghid ukoll li martu kienet griet warajh bis-sikkina tant li qaltlu li kienet ser toqtlu filwaqt li fl-istess hin bdiet tghid li ser tiehu ruhha b’idejha. L-intimat jaghti stampa wkoll tas-sitwazzjoni fid-dar matrimonjali u l-animosita’ bejn il-partijiet. Hu jghid li peress li m’ghandux post alternattiv, kellu jibqa’ jghix taħt l-istess saqaf maghha.

Il-Qorti tinnota wkoll li l-intimat ressaq biss ix-xhieda personali tieghu u ma ressaq ebda xhud iehor fil-mori tal-kawza, ghalkemm irid jinghad li intavola rikors ghall-produzzjoni ta’ xhud li ma kienx elenkat fil-lista tax-xhieda tieghu, izda din it-talba giet michuda.

## Il-MERTU TAL-KAZ ODJERN

Il-Qorti tirrileva li minkejja li r-rikorrenti tikkontendi li l-intimat kellu relazzjoni extra-matrimonjali u tghid li prova ta’ dan huma n-numru ta’ telefonati li huwa ghamel lil din il-mara (kif jirrizulta mid-dokument mahrug mill-Vodafone anness mar-rikors promotur), tali dokument wahdu m’huwiex prova sufficjenti sabiex jigi pruvat sal-grad rikjest mill-ligi l-adulterju. Pero’ il-Qorti thoss li wara li rat ix-xhieda kemm tar-rikorrenti, kemm ta’ bint il-partijiet kif ukoll ta’ terzi, fosthom dik ta’ Catherine Xuereb li lkoll ikkonfermaw kemm l-intimat intilef wara l-imsemmija L K, il-Qorti hija moralment konvinta li l-intimat irrenda ruhu hati ta’ adulterju fil-konfront tar-rikorrenti martu.

Dwar l-allegazzjoni ta’ vjolenza, il-Qorti, apparti li taghmel referenza ghax-xhieda tar-rikorrenti stess, taghmel referenza ghaz-zewg sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datati t-2 ta’ Gunju 2010 u tas-7 ta’ Lulju 2010 rispettivament fejn fiz-zewg kazi l-intimat ammetta l-akkuzi fil-konfront tieghu. Fid-dawl ta’ tali ammissjoni u taz-zewg sentenzi msemmija, il-Qorti ma ghandha ebda dubju li l-intimat irrenda ruhu hati ta’ vjolenza fil-konfront ta’ martu.

Il-Qorti m’ghandha ebda prova li b’xi mod tista’ twassalha ghall-konkluzjoni li t-tifrik taz-zwieg tkisser ghal ragunijiet imputabbli lir-rikorrenti. Dan ghaliex, kif diga’ inghad, l-unika xhieda li ressaq l-intimat kienet ix-xhieda tieghu stess fejn allega hafna affarijiet fil-konfront ta’ martu pero’ naqas milli jissustanzjhom u jikkorraborhom permezz ta’ xhieda jew provi ohra. Ghalhekk il-Qorti m’hijiex moralment konvinta li z-zwieg ta’ bejn il-partijiet tfarrak ghal ragunijiet li huma imputabbli lir-rikorrenti anzi, pjuttost ghal ragunijiet li huma unikament imputabbli lill-intimat, fosthom il-vjolenza kommessa fuq ir-rikorrenti martu.

## DWAR IT-TALBA GHAS-SEPARAZZJONI PERSONALI

Dwar l-ewwel talba, u cioe’ dik relatata mat-talba ta’ separazzjoni personali bejn il-partijiet, il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet **Scicluna Maria Dolores Sive Doris Vs Scicluna Anthony**[4] fejn gie ritenut li “***Sabiex tintalab is-separazzjoni personali mhux mehtieg li jikkonkorru l-eccessi, is-sevizzji, it-theddid u l-ingurji gravi, izda kull wahda minn dawn ir-ragunijiet wahedha hija sufficjenti***” u zzid tghid li “***Il-ligi tqieghed bhala motivi li jiggustifikaw l-azzjoni l-episodji saljenti tal-hajja konjugali u mhux incidenti minuri…..Ghal dak li jirrigwarda theddid u vjolenzi l-ligi tikkontenta ruhha bil-persistenza f'certa mgieba hazina u mhux b'xi atti izolati waqt xi tilwima***”.

[4] Deciza nhar is-27 ta’ Novembru 2003 mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili (Cit Nru 1715/2001)

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet **Tabone Lea pro et noe vs Tabone Jesmond**[5] u **Greengrass Hugh vs. Greengrass Lucia**[6] fejn gie ritenut li "***Ghal dak li jirrigwarda theddid u vjolenzi l-ligi tikkontenta ruhha bil-persistenza f'certa mgieba hazina u mhux b'xi atti izolati waqt xi tilwima***" u zzid tghid ukoll li "***Sabiex tigi promossa t-talba ghas-separazzjoni mhux mehtieg kumulu ta` kawzali, kull wahda mill-kawzali ta' sevizji, it-theddid u l-ingurji gravi hija sufficjenti sabiex jigu vjolati r-rigwardi tal-konvivenza konjugali***".

In vista ta' tali gurisprudenza u minghajr ebda bzonn ta' ripetizzjoni zejda, il-Qorti taghmel referenza ghall-paragrafi citati aktar 'il fuq kif ukoll ghall-provi migjuba fil-mori tal-kawza, fosthom is-sentenzi li inghataw kontra l-intimat u abbazi tal-istess (izda mhux limitatament) u tiddikjara li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment fit-terminu tal-Artikolu 40 u 41 tal-Kap. 16 u konsegwentement tasal ghall-konkluzjoni li hemm ragunijiet sufficjenti ghas-separazzjoni personali ta' bejn il-partijiet.`

**<u>DWAR IT-TALBA GHALL-KURA U L-KUSTODJA FAVUR IR-RIKORRENTI</u>**

Il-Qorti tirrileva li hekk kif jirrizulta bl-aktar mod car l-intimat, per principju jaqbel li l-kura u l-kustodja tal-wild O B ghandha tkun fdata lill-omm izda jikkontendi li ghandu jkollu access ampju sabiex ikun jista' jsegwi l-izvilupp shih tal-istess minuri. Il-Qorti tinnota li t-talba ghall-kura u l-kustodja llum il-gurnata hija wahda superfluwa *stante* li l-imsemmija O B m'ghadhiex minuri u ghalhekk, il-Qorti ser tastjeni milli tafda l-kura u l-kustodja tal-imsemmija O B lil xi wiehed jew wahda mill-partijiet kif ser tastjeni milli tiffissa access favur il-partijiet ghall-istess bint.

[5] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill- Prim'Awla tal-Qorti Civili (Rik Ġur Nru 1396/2001)

[6] Deciza nhar it- 2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Rik Ġur Nru 98/2002)

**DWAR IT-TALBA GHAL MANTENIMENT GHAR-RIKORRENTI**

Il-Qorti preliminarjament taghmel referenza ghan-nota guramentata[7] tar-rikorrenti fejn tiddikjara li ghandha introjtu ta' €40 fil-gimgha mill-facendi li hija tmur taghmel lin-nies. Min-naha tieghu l-intimat jiddikjara permezz tar-risposta guramentata tieghu li ghandu introjtu ta' €186 kull gimgha. Il-Qorti f'dan l-istadju taghmel referenza ghan-nota tar-rikorrenti datata l-10 ta' Dicembru 2009 u li permezz taghha gew esebiti numru ta' *pay-slips* relattivi ghall-introjtu tal-intimat ghal zmien 15 –il gurnata, liema *pay-slips* juru li bhala stat ta' fatt l-intimat fis-sena 2009 kellu introjtu aktar gholi minn dak li ddikjara hu stess permezz tan-nota guramentata tieghu[8] li giet prezentata fl-istess sena relattiva tal-*pay-slips* imsemmija. Barra minn hekk, il-Qorti taghmel referenza ghall-*pay-slip* prezentata mill-intimat stess[9] u li permezz taghha wera li fl-ewwel xahrejn tas-sena kellu introjtu ta' €2331.21. I-Qorti tinnota li l-ammont ta' introjtu tar-rikorrenti m'huwa bl-ebda mod kontraddett u ghalhekk, il-Qorti m'ghandha ebda raguni valida sabiex ma tihux il-verzjoni tar-rikorrenti bhala wahda veritiera.

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghar-rikors tar-rikorrenti intavolat nhar is-26 ta' Ottubru 2009 fejn talbet manteniment kemm ghaliha kif ukoll ghall-bintha O B u ghad-digriet taghha tas-19 ta' Jannar 2010 fejn l-intimat gie ordnat ihallas is-somma ta' €300 kull erba' gimghat bhala manteniment ghall-martu kif ukoll is-somma ta' €150 kull erba' gimghat ghall-bintu O B u tikkonferma tali digriet bhala formanti parti minn din is-sentenza.

**DWAR IT-TALBA GHALL-MANTENIMENT TAL-BINT**

Il-Qorti tirrileva li l-bint O B llum il-gurnata hija maggorenni izda kif jirrizulta mix-xhieda taghha stess fil-mori tal-proceduri, jirrizulta bl-aktar mod car li l-istess bint ghandha qieghda tistudja. F'dan il-kuntest, il-Qorti

[7] Ara a fol 42 tal-proċess
[8] Esebita a fol 48 tal-process
[9] Ara a fol 96 tal-process

taghmel referenza ghall-emendi fil-Kodici Civili li jesigu li l-genituri tal-ulied jibqghu imantnu lil uliedhom sal-eta' ta' 23 sena f'kaz li tali ulied ikunu ghandhom studenti jew jiehdu tahrig fuq bazi *full-time* u dan abbazi tal-Artikolu 3B(2)(a) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta. O B stess tikkonferma li l-intimat missierha rrifjuta li jhallas ghal xi ktieb edukattiv u fid-dawl ta' tali dikjarazzjoni li bl-ebda mod ma giet kontraddetta jew b'xi mod ikkontestata (anzi fil-mori tal-kawza, l-intimat mhux l-ewwel darba li ddikjara li m'ghandu ebda problema li jhallas il-manteniment ghal bintu), il-Qorti tara li hemm lok li l-intimat jigi ordnat ikompli jhallas il-manteniment ghal bintu hekk kif ordnat lilu permezz tad-Digriet tas-26 ta' Ottubru 2009 u dan sakemm O B tkun ghadha qieghda tistudja fuq bazi *full-time* u sa' massimu tal-eta' ta' 23 sena.

**<u>DWAR L-APPLIKAZZJONI TAL-ARTIKOLU 48 ET SEQ KONTRA L-INTIMAT</u>**

L-artikolu 48 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

(1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef -
(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827;
(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;
(ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-Qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;
(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ.

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet **Greengrass Hugh vs. Greengrass Lucia** deciza fit- 2 ta'

Ottubru 2003[10] fejn ghamlet referenza ghal Artikolu 51 tal-Kodici Civili li jiddisponi li:-

"***Il-firda li ssir minhabba xi wahda mir-ragunijiet imsemmijin fl-artikolu 40*** [u cioe' eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment]***, tista' jkollha l-effetti msemmijin fl-artikolu 48, meta l-Qorti jidhrilha li, taht ic-cirkostanzi tal-kaz, ghandhom jghoddu, f'kollox jew f'bicca, id-dispozizzjonijiet ta' dak l-artikolu." L-effetti kontemplati mill-artikolu fuq citat ghandhom japplikaw biss f'kaz fejn iz-zwieg ikun tfarrak bi htija preponderanti ta' xi hadd mill-mizzewgin***".

Il-Qorti, kif diga' kellha l-opportunita' li tiddikjara, hija moralment konvinta sal-grad rikjest mil-ligi li l-firda bejn il-partijiet hija unikament imputabbli lill-intimat u ghaldaqstant, il-Qorti qieghda tilqa' l-hames talba tar-rikorrenti u tapplika l-Artikolu 48 *et seq* kontra l-intimat.

**<u>DWAR IT-TALBA GHAX-XOLJIMENT TAL-KOMUNJONI TAL-AKKWISTI</u>**

Illi il-Qorti taghmel referenza ghall-kuntratt pubbliku datat it-8 ta' Mejju 1981[11] redatt fl-Atti tan-Nutar u li permezz tieghu l-partijiet akkwistaw id-dar bil-garaxx maghha bla numru izda msemmija 'St. Anne, Triq Wied il-Ghajn Zabbar. Hekk kif jirrizulta mill-istess kuntratt, din id-dar flimkien mal-garaxx gew akkwistati mill-partijiet qabel iz-zwieg izda hija d-dar matrimonjali.

Illi mill-atti jirrizulta li l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet jew il-proprjeta' immobbli komuni bejniethom hija formanti mis-segwenti:

1. Id-dar matrimonjali bil-garaxx li nxtraw qabel iz-zwieg miz-zewg partijiet;
2. Il-mobbli li jinsabu fid-dar matrimonjali;

---

[10] Rik Ġur Nru 98/2002
[11] Esebit a fol 10 tal-process

3. Il-vettura tat-tip Skoda Felicia bin-numru ta' registrazzjoni ABH 361;
4. Flus li kien l-bank u li skond ir-rikorrenti ngibdu unikament mill-intimat
5. Life Insurance tal-Middlesea Insurance Plc
6. Baby Bond mar-Rocs.

Il-Qorti, minkejja li ssib lill-intimat hati ghat-tifrik taz-zwieg, ma thossx li jkun ekwu u gust li ccahdu mill-proprjeta' tieghu stess u minn sehemu mid-dar matrimonjali u l-garaxx ghal zmien indefinit b'mod li allura ma jkun jista' qatt igawdi dak is-sehem. Il-Qorti ma thossx li huwa gust li l-intimat jigi privat mit-tgawdija ta' dak li huwa tieghu bil-ligi. Fid-dawl ta' dan kollu, il-Qorti thoss li huwa gust u ekwu li d-dar matrimonjali flimkien mal-garaxx jinbieghu fis-suq miftuh flimkien mal-ghamara li tinsab fl-istess dar, b'dan illi r-rikavat jinqasam b'mod ugwali bejn il-partijiet.

Dwar il-vettura formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet, jidher li hemm qbil li din ghandha tigi assenjata lill-intimat anke tenut kont tal-fatt li r-rikorrenti ma ssuqx.

Dwar il-flus fil-kont tal-banek, il-polza ta' assigurazzjoni mal-Middlesea Insurance Plc u l-Baby Bond mar-Rocs il-Qorti tirrileva li ma saret ebda prova u ghalhekk, il-Qorti hija sprovvista minn informazzjoni dwar l-istess. Il-Qorti thoss li fic-cirkustanzi, l-flus, il-polza ta' assigurazzjoni mal-Middlesea Insurance Plc u l-Baby Bond mar-Rocs ghandhom jinqasmu b'mod ugwali bejn il-partijiet, b'dan illi jekk ikun necessarju, l-imsemmija polza u baby bond jigu xolti u sussegwentement likwidati biex imbaghad jigu divizi b'mod ugwali bejn il-partijiet.

**<u>DWAR IT-TALBA GHALL-ORDNI SABIEX L-INTIMAT JIVVAKA MID-DAR MATRIMONJALI</u>**

Il-Qorti taghmel referenza ghal dak citat aktar 'il fuq u cioe' ghall-applikazzjoni tal-Artiklu 48 *et seq* fil-konfront tal-intimat kif ukoll ghall-fatt li l-intimat irrenda ruhu hati ta' vjolenza fil-konfront ta' martu, tilqa' din it-talba b'dana illi l-intimat ghandu jivvaka mid-dar matrimonjali sa' zmien

hmistax (15) –il gurnata mid-data tal-prezenti. Wara tali data, jew mid-data li l-intimat jivvaka mid-dar gia matrimonjali, skond liema data ssehh l-ewwel, ir-rikorrenti tkun awtorizzata tibqa' tabita fid-dar konjugali ad eskluzzjoni ta' l-intimat flimkien ma' bintha O B sakemm din id-dar tinbiegh fis-suq miftuh jew, jekk dan ma jsirx, ghal zmien limitat ta' sentejn u tkun awtorizzata wkoll li tbiddel is-serraturi tal-istess fond.

**DECIDE**

Ghalhekk, ghal dawn il-motivi, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

[1] Tilqa' l-ewwel talba fis-sens li tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet;

[2] Tilqa' it-tieni talba u tiddikjara li l-intimat huwa solament responsabbli ghat-tkissir taz-zwieg;

[3] Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba *stante* li bint il-partijiet hija maggorenni;

[4] Tilqa' r-raba' talba u tikkundanna lill-intimat ihallas is-somma ta' €300 kull erba' gimghat bhala manteniment ghar-rikorrenti martu kif ukoll is-somma ta' €150 kull erba' gimghat ghall-bint O B u dan limitatament sakemm l-istess bint tkun ghadha qieghda tistudja fuq bazi *full-time* u sa' massimu tal-eta' ta' 23 sena;

[5] Tilqa' l-hames talba u tapplika kontra l-intimat is-sanzjonijiet kontemplati fl-Artikoli 48 tal-Kap. 16;

[6] Tilqa s-sitt talba u xxolji l-kommunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet bil-mod segwenti:

i. Tordna li d-dar matrimonjali u cioe' l-fond 'St. Anne' fi Triq Wied il-Ghajn Zabbar flimkien mal-ghamara kollha li tinsab fl-istess dar kif ukoll il-garaxx jinbieghu fis-suq miftuh b'dan illi r-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-partijiet;

ii. Tordna li l-vettura tat-tip Skoda Felicia bin-numru ta' registrazzjoni ABH 361 tigi assenjata lill-intimat b'dan illi r-rikorrenti ghandha sa' mhux aktar minn 15 –il gurnata biex tiehu dawk il-passi necessarji kollha sabiex tali vettura tibda ssejjah esklussivament lill-intimat;

iii. Tordna li l-flus fil-banek relattivi f'isem il-partijiet jinqasmu b'mod ugwali bejn il-partijiet;

iv. Tordna li l-polza ta' assigurazzjoni mas-socjeta' Middlesea Insurance Plc tigi likwidata u xolta u konsegwentement diviza b'mod ugwali bejn il-partijiet;

v. Tordna li l-Baby Bond mar-Rocs tigi likwidata u xolta u konsegwentement diviza b'mod ugwali bejn il-partijiet;

[7] Tilqa' s-seba' talba fil-konfront tar-rikorrenti limitatament ghal zmien massimu ta' sentejn jew sakemm tinbiegh id-dar matrimonjali fis-suq miftuh skond liema eventwalita' ssehh l-ewwel. Tordna wkoll lill-intimat jizgombra mid-dar matrimonjali fi zmien 15 –il gurnata mid-data tal-prezenti b'dan illi r-rikorrenti tkun awtorizzata tbiddel is-serratura tad-dar wara tali data.

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------